MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2006

Talba Numru. 2034/2004

**Middle Sea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Anthony G Zahra ghan-nom ta Alpine Rent A Car Ltd u l-istess assikurat taghha**
**Vs**

**Carmelo Saliba**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta Ottubru 2004, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-atturi attrici s-somma ta' tmien mija u tlieta u erbghin lira disgha u tletin centezmu (Lm843.39) rapprezentanti danni sofferti f'incident stradali li sehh fi Vjal Santa Lucia, Paola nhar it-28 ta Awissu 2002 bejn il-vettura AAF 103 misjuqa mill-konvenut u EBG 383 misjuqa minn Aldo Massa u proprjeta ta l-attur ghal liema incident kien unikament responsabbli l-istess konvenut.
Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali datata Lulju 2004 u ta ittra ufficcjali ohra prezentata kontestwalment ma dan

l-avviz a tenur tal-Kap 104 u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta prezentata mill-konvenut fis-17 ta Novembru 2004 fejn ikkontesta t-talba attrici stante li ma kien jahti xejn ghall-incident in kwistjoni.

Ra x-xhieda u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra.

Illi fl-incident in kwistjoni, nsibu zewg verzjonijiet ghal kollox konfliggenti minn ma xulxin. Filwaqt li l-attur jallega li l-konvenut ghamel manuvra f’salt billi gibed ghal fuq il-karreggjata tieghu halli jevita s-sigar ta mal-gemb, il-konvenut jinsisti li huwa kien tiela u baqa tiela dritt fit-trieq tieghu u jichad li qatt qala l-barra minnhabba s-sigar.

Jigi notat ukoll li mill-iskizz ftit li xejn jista jaghti aktar dawl minn fuq verzjoni ghall-ohra. It-trakk jidher wieqaf dritt sew fuq in-naha tieghu filwaqt li l-vettura tal-attur tinsab bid-dritt fuq il-linja medjana tat-trieq jekk mhux addirittura kemmxejn fuq il-karreggjata tal-konvenut. Difatti l-attur ma jaqbilx mal-posizzjoni tal-vettura tieghu fuq l-iskizz Dok AM1 ‘il ghaliex jallega li huwa kien xi pied il-gewwa fuq il-karreggjata tieghu u mhux preciz fuq il-linja kif jidher. Jigi rilevat ukoll li in kontro-ezami l-attur ighid li d-distanza bejnhu u t-trakk kien minimu u ex admissis li hu kien gej minn warajh.

Illi jigi rilevat ukoll li l-oneru tal-prova tinkombi fuq l-attur li ghandu jressaq provi soddisfacenti u konvincenti li l-incident stradali sehh unikament minnhabba tortijiet imputabbli lill-konvenut. Illi fil-kaz in ezami, tali prova hija ghal kollox mankanti u li certament ma twassalx lit-Tribunal ghal konkluzjoni li l-incident sehh minnhabba xi manuvra da parti tal-konvenut. Pjuttost jidher aktar li l-incident seta sehh minnhabba nuqqas ta attenzjoni da parti tal-istess attur fil-mument meta kien ghaddej minn ma gemb it-trakk u qaleb xi ftit fil-karreggjata tieghu. Difatti l-iskizz jindika lill-attur kemmxejn fuq il-karreggjata tal-konvenut wara li kien hemm l-impatt li jista jaghti wiehed

x'jifhem kwindi li l-attur seta kien anke aktar 'il gewwa fuq il-karreggjata tal-konvenut fil-mument tal-impatt.

Ghaldaqstant in vista tal-premess t-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa l-eccezzjoni tal-konvenut u jiddikjara li l-konvenut ma jahti xejn ghall-incident stradali in kwistjoni u konsegwentement jirrespingi t-talbiet tal-atturi bl-ispejjez ta din l-istanza kontra l-istess atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------